# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 27/2001GT(GM)

**John Cremona**

**vs**

**Mary Parnis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz li jghid hekk : "Peress illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur l-ammont ta' tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) dovuti lill-attur bhala hlas ta' xoghol ta' spray li sar minnu fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta.**

**Il-kovenuta ghandha tigi ikkundannata thallas ukoll l-imghax legali fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittri interpellatorji mibghuta lilha fis-17 ta' April 2001 u fl-4 ta' Lulju 2001 u l-ispejjes ta' din il-procedura."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata izda la pprezentat risposta u l-anqas deheret ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fid-19 ta' Novembru 2001, fit-22 ta' Novembru 2001, u dik tallum.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal- attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' Lm 72 bl-imghax legali mil-lum, 23 ta' Novembru 2001 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-17 t'April 2001 u tal-4 ta' Lulju 2001 a kariku tal-konvenuta.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**